A.L. 145 ta' l-2005

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (KAP. 437)

Regoli ta' l-2005 dwar is-Saħħa ta' l-Annimali fil-Produzzjoni, l-Ipproċessar, id-Distribuzzjoni u l-Introduzzjoni ta' Prodotti għall-Konsum mill-Bniedem

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 11 u 12 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u Ambjent bi ftehim mal-Ministru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu, skop u applikabilità.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli ta' l-2005 dwar is-Saħħa ta' l-Annimali fil-Produzzjoni, l-Ipproċessar, id-Distribuzzjoni u l-Introduzzjoni ta' Prodotti għall-Konsum mill-Bniedem.

(2) Dawn ir-regoli jġibu fis-seħħ id-disposizzjonijet taħt ir-Regola tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 2002/99/KE li tirregola l-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali għall-konsum mill-bniedem.

(3) Dawn ir-regoli għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijet tal-Komunità jew dawk nazzjonali dwar il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali għall-konsum mill-bniedem.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regoli, it-tifsir fir-Regola (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar, 2002 li tistipula l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġiet tal-liġi dwar l-ikel, tistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurta' ta' l-Ikel u tistipula proċeduri f'materji ta' sigurtà ta' l-ikel u t-tifsir fid-Direttiva 97/78/KE, għandhom japplikaw skond il-bżonn.

(2) It-tifsiriet li ġejjin għandhom japplikaw ukoll:-

"introduzzjoni" tfisser li wieħed iġib ħwejjeġ f'xi wieħed mit-territorji elenkati f'Anness I mad-Direttiva 97/78/KE bl-iskop li jitpoġġew taħt il-proċeduri tad-Dwana li għalihom issir referenza fl-Artikolu 4(16)(a) sa (f) tar-Regola tal-Kunsill (KE) Nru 2913/92

tat-12 ta' Ottubru, 1992 li tistabbilixxi l-Kodiċi tad-Dwana tal-Komunità;

"l-istadji kollha tal-produzzjoni, proċessar u distribuzzjoni" tfisser kull stadju minn u inkluża l-produzzjoni primarja ta' ikel li joriġina mill-annimali, sa u inkluż il-ħażna, l-ġarr, il-bejgħ jew forniment lill-aħħar konsumatur;

"prodotti li joriġinaw mill-annimali" tfisser prodotti miksubin mill-annimali u prodotti miksubin minnhom, għall-konsum mill-bniedem, inklużi annimali ħajjin meta dawn ikunu mħejjija għal dak l-użu;

"veterinarju uffiċjali" tfisser veterinarju kwalifikat sabiex jaġixxi f'dik il-kwalità u li jkun appuntat mill-awtorità kompetenti.

Ħtiġiet ġenerali dwar is-saħħa ta' l-annimali.

3. (1) Malta għandha tieħu miżuri sabiex tiżgura illi fl-istadji kollha tal-produzzjoni, proċessar u distribuzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali fil-Komunità, operaturi fin-negozju ta' l-ikel ma jikkawżawx it-tixrid ta' mard li jista' jgħaddi għal għand annimali, skond dawn id-disposizzjonijiet li ġejjin.

(2) Prodotti li joriġinaw mill-annimali għandhom jinkisbu minn annimali li jkunu skond il-kundizzjonijiet dwar saħħa ta' l-annimali stipulati mill-leġislazzjoni relevanti tal-Komunità.

(3) Prodotti li joriġinaw mill-annimali għandhom jinkisbu minn annimali:

(a) li ma jiġux minn razzett, stabbiliment, territorju jew parti minn territorju assoġġettat għal restrizzjonijiet dwar is-saħħa ta' l-annimali applikabbli għall-annimali u prodotti involuti, taħt ir-regoli fi Skeda I li tinsab ma' dawn ir-regoli;

(b) li, fil-każ ta' laħam u prodotti tal-laħam, ma kienux imbiċċra fi stabbiliment fejn annimali infettati jew suspettati li kienu infettati b'xi waħda mill-mardiet li jaqgħu taħt ir-regoli li għalihom issir referenza f'paragrafu (a) ta' din is-subregola, jew karkassi jew partijiet minn karkassi ta' dawk l-annimali, kienu preżenti waqt it-tbiċċir jew il-proċess ta' produzzjoni, sakemm l-imsemmi suspett ma jkunx ġie eskluż;

(ċ) li, fil-każ ta' annimali u prodotti ta' l-akwakultura, iħarsu d-Direttiva 91/67/KE.

Derogi.

4. (1) Minkejja dak li hemm fir-regola 3 u bla ħsara għall-konformità mal-miżuri dwar kontroll ta' mard li għalihom issir referenza fi Skeda I, Malta tista' tawtorizza l-produzzjoni, proċessar u distribuzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali li jiġu minn territorju jew parti minn territorju assoġġettat għal restrizzjonijiet dwar saħħa ta' l-annimali iżda li ma jiġux minn razzett li jkun infettat jew suspettat li jkun infettat, sakemm:

(a) qabel ma jiġu assoġġettati għat-trattament li għalih issir referenza hawn iżjed 'il quddiem, il-prodotti jkunu ġew miksuba, mqandlin, trasportati, u maħżuna separatament, jew f'ħinijiet differenti, minn prodotti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha dwar is-saħħa ta' l-annimali, u l-kundizzjonijiet għat-trasport barra mit-territorju assoġġettat għal restrizzjonijiet dwar is-saħħa ta' l-annimali jkunu ġew approvati mill-awtorità kompetenti;

(b) il-prodotti li jkunu ser jgħaddu minn trattament ikunu identifikati b'mod ċar;

(ċ) il-prodotti jgħaddu minn trattament li jippermetti li l-problema involuta dwar saħħa ta' l-annimali, tiġi eliminata, u

(d) it-trattament ikun applikat fi stabbiliment approvat għal dak l-iskop mill-Istat Membru li fih tkun inħolqot l-problema dwar saħħa ta' l-annimali.

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subregola (1) għandhom jiġu applikati skond Skedi II u III(1) ma' dawn ir-regoli, jew skond regoli dettaljati li jiġu adottati skond il-proċedura msemmija f'Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2002/99/KE.

(3) Il-produzzjoni, proċessar u distribuzzjoni ta' prodotti ta' l-akwakultura li ma jħarsux l-kundizzjonijiet stipulati f'regola 3 għandhom ikunu awtorizzati, mingħajr ħsara għall-kundizzjonijet stipulati fid-Direttiva 91/67/KE u, fejn ikun il-bżonn, skond kundizzjonijiet oħra li jiġu adottati skond il-proċedura li għaliha ssir referenza f'Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2002/99/KE.

(4) Barra minn dan, fejn is-sitwazzjoni ta' saħħa hekk tippermetti, jistgħu jingħataw derogi minn regola 3 f'ċerti sitwazzjonijiet, skond il-proċedura li għaliha ssir referenza f'Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2002/99/KE.

F'dawn il-każijiet, għandha tittieħed konsiderazzjoni partikolari ta' dan li ġej:

(a) il-karatteristiċi speċifiċi tal-marda fl-ispeċi involuti, u

(b) l-eżamijiet jew il-miżuri kollha li l-annimali għandhom ikunu assoġġettati għalihom.

(5) Meta jingħataw dawn id-derogi, għandhom jittieħdu passi sabiex jiġi żgurat illi l-livell ta' protezzjoni minn mard ta' l-annimali ma jonqos bl-ebda mod. Kull miżura neċessarja sabiex tiżgura il-protezzjoni ta' saħħa ta' l-annimali fil-Komunità għandha għalhekk tiġi adottata skond l-istess proċedura.

Ċertifikati veterinarji.

5. (1) Malta għandha tiżgura illi prodotti li joriġinaw mill-annimali u li jkunu intiżi għall-konsum mill-bniedem huma assoġġettati għaċ-ċertifikazzjoni veterinarja fejn:

(a) disposizzjonijiet adottati għal raġunijiet ta' saħħa ta' l-annimali taħt Artikolu 9 ta' Direttiva 89/662/KE ikunu jeħtieġu li prodotti li joriġinaw mill-annimali minn Stat Membru jkunu akkumpanjati b'ċertifikat ta' saħħa, jew

(b) tkun ingħatat deroga taħt ir-regola 4(4).

(2) Taħt il-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2002/99/KE, jistgħu jsiru regoli dettaljati ta' implimentazzjoni, u b'mod partikolari mudell għal dawn iċ-ċertifikati, billi jittieħdu in konsiderazzjoni l-prinċipji ġenerali li jinsabu fi Skeda IV. Iċ-ċertifikati jistgħu jinkludu dettalji meħtieġa skond leġislazzjoni Komunitarja oħra dwar is-saħħa pubblika u ta' l-annimali.

Kontrolli veterinarji uffiċjali.

6. (1) Sakemm jiġu adottati Regoli tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistipulaw regoli speċifiċi dwar iġjene ta' ikel li joriġina mill-annimali u regoli dwar kontrolli applikabbli għal ħwejjeġ ta' l-ikel u għalf ta' l-annimali, Malta għandha tiżgura illi jsiru kontrolli uffiċjali dwar saħħa ta' l-annimali mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi żgurat ħarsien ta' din ir-regola, ir-regoli implimentattivi tagħha u kull miżura protettiva relatata ma' prodotti li joriġinaw mill-annimali adottati skond din ir-regola. Bħala regola ġenerali, għandhom isiru spezzjonijiet mingħajr ebda avviż li jingħata bil-quddiem u l-verifiki għandhom isiru skond id-disposizzjonijiet tad-Direttiva 89/662/KE.

(2) Sakemm jiġu adottati Regoli tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistipulaw regoli speċifiċi dwar iġjene ta' ikel li joriġina mill-annimali u regoli dwar kontrolli applikabbli għal ħwejjeġ ta' l-ikel u għalf ta' l-annimali, fejn jiġu identifikati ksur ta' regoli dwar saħħa ta' l-annimali, Malta għandha tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tiġi

rimedjata s-sitwazzjoni skond id-disposizzjonijiet tad- Direttiva 89/662/KE.

(3) Esperti mill-Kummissjoni jistgħu jwettqu verifiki fuq il-post, inklużi verifiki**,** bil-kooperazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' Malta, sakemm dan ikun neċessarju għall-applikazzjoni uniformi ta' din ir-regola. Malta għandha tipprovdi lill-esperti, jekk verifiki jkunu qegħdin jiġu mwettqa fit-territorju relattiv, bl-għajnuna kollha neċessarja sabiex iwettqu d-dmirijiet tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtorità kompetenti bir-riżultati tal-verifiki li jkunu saru**.** Jekk jiġi identifikat riskju serju għas-saħħa ta' l-annimali waqt verifika jew spezzjoni li ssir mill-Kummissjoni, Malta għandha minnufih tieħu l-miżuri kollha neċessarji sabiex tipproteġi s-saħħa ta' l-annimali. Jekk dawn il-miżuri ma jittieħdux, jew jekk jiġu meqjusa li mhumiex biżżejjed, il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2002/99/KE, tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tipproteġi s-saħħa ta' l-annimali u tinforma lill-Istati Memberi b'dan.

Disposizzjonijiet ġenerali applikabbli għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi.

7. (1) Malta għandha tieħu miżuri sabiex tiżgura illi prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem jiġu introdotti minn pajjiżi terzi biss jekk dawn ikunu jħarsu l-ħtiġiet ta' din ir-regola applikabbli għal kull stadju tal-produzzjoni, proċessar u distribuzzjoni ta' l-istess prodotti fil-Komunità jew jekk dawn joffru garanziji ekwivalenti dwar is-saħħa ta' l-annimali.

(2) Ir-regoli għall-applikazzjoni ta' din ir-regola, u b'mod partikolari dawk li jirregolaw il-proċedura ta' kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet nazzjonali, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2002/99/KE.

Harsien tar-regoli tal-Komunità.

8. (1) Sabiex tiġi żgurata konformità ma' l-obbligazzjoni ġenerali stipulata fir-regola 7, dawn li ġejjin għandhom jiġi stabbiliti skond il-proċedura msemmija f'Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2002/99/KE.

(2) F'listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni ta' pajjiżi terzi minn liema pajjiżi jew reġjuni l-importazzjonijiet ta' prodotti speċifiċi li joriġinaw mill-annimali huma permessi, pajjiż terz għandu jidher fuq l-imsemmija listi biss jekk tkun saret verifika mill-Komunità ta' dak il-pajjiż u jkun juri illi l-awtorità veterinarja kompetenti tipprovdi l-garanziji adatti fir-rigward ta' ħarsien ta' leġislazzjoni tal-Komunità.

(3) Fit-tħejjija jew l-aġġornar ta' l-imsemmija listi, għandha tittieħed konsiderazzjoni partikolari ta' dak li ġej:

(a) il-leġislazzjoni tal-pajjiż terz;

(b) l-organizzazzjoni ta' l-awtorità veterinarja kompetenti u s-servizzi tagħha ta' spezzjoni fil-pajjiż terz, il-poteri ta' dawn is-servizzi, is-superviżjoni li huma assoġġettati għaliha, u l-mezzi disponibbli li jkollhom, inkluż l-għadd ta' persunal, sabiex japplikaw il-leġislazzjoni b'mod effettiv;

(ċ) il-ħtiġiet attwali dwar saħħa ta' l-annimali applikabbli għall-produzzjoni, manifattura, tqandil, ħażna u kunsinna ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-Komunità;

(d) l-assikurazzjonijiet li l-awtorità veterinarja kompetenti tal-pajjiż terz tista' tagħti fir-rigward ta' konformità jew ekwivalenza mal-kundizzjonijiet rilevanti dwar saħħa ta' l-annimali;

(e) kull esperjenza ta' tqegħid fis-suq tal-prodott minn pajjiż terz u r-riżultati ta' kull kontroll li jiġi mwettaq fuq l-importazzjoni;

(f) ir-riżultati ta' spezzjonijiet u, jew verifiki li jsiru mill-Komunità fil-pajjiż terz, b'mod partikolari r-riżultati tal-valutazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti jew, meta l-Kummissjoni hekk titlob, ir-rapport ippreżentat mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz dwar l-ispezzjonijiet li huma jkunu wettqu;

(g) l-istat ta' saħħa ta' bhejjem, annimali domestiċi oħrajn u annimali salvaġġi fil-pajjiż terz, partikolarment dwar mard ta' annimali eżotiċi u kull aspett tas-sitwazzjoni ġeneral tas-saħħa fil-pajjiż li tista' tkun ta' riskju għas-saħħa pubblika u ta' l-annimali fil-Komunità;

(h) ir-regolarità, l-għaġla u r-reqqa li biha l-pajjiż terz jipprovdi informazzjoni dwar l-eżistenza ta' mard ta' l-annimali li jinfetta jew jittieħed fit-territorju relattiv, b'mod partikolari l-mard li għandu jkun irrapportat kif elenkat mill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa ta' l-Annimali (OIE) jew, fil-każ ta' mard ta' annimali ta' l-akwakultura, il-mard li għandu jkun irrapportat kif elenkat fil-Kodiċi ta' l-imsemmija Organizzazzjoni dwar is-Saħħa ta' l-Annimali Akwatiċi;

(i) ir-regoli dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard ta' l-annimali li jinfetta jew jittieħed li huma fis-seħħ fil-pajjiż terz u l-implimentazzjoni tagħhom, inklużi regoli dwar l-importazzjoni minn pajjiżi oħra.

(4) Il-Kummissjoni għandha tagħmel mezz sabiex verżjonijiet aġġornati tal-listi kollha mħejjija jew aġġornati skond din ir-regola jkunu disponibbli għall-pubbliku. Il-listi li jiġu mħejjija skond din ir-regola jistgħu jiġu magħquda flimkien ma' listi oħra mħejjija għal skopijiet ta' saħħa pubblika u ta' l-annimali u jistgħu wkoll jinkludu mudelli ta' ċertifikati ta' saħħa.

(5) Regoli dwar l-oriġini għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali u għall-annimali li minnhom jiġu miksuba l-istess prodotti, għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura msemmija f'regola 12 (2).

(6) Kundizzjonijiet speċjali għall-importazzjoni għal kull pajjiż terz jew grupp ta' pajjiżi terzi, fil-qies tas-sitwazzjoni ta' saħħa ta' l-annimali fil-pajjiż jew pajjiżi terzi nvoluti għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura li għaliha ssir referenza fl-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2002/99/KE.

(7) Meta jkun neċessarju:

(a) ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' din ir-regola,

(b) il-kriterji għall-klassifikazzjoni ta' pajjiżi terzi u ta' reġjuni tagħhom fir-rigward ta' mard ta' l-annimali, u

(ċ) ir-regoli speċifiċi rigwardanti tipi ta' prodotti ta' introduzzjoni jew partikolari, bħall-introduzzjoni ta' prodotti minn vjaġġaturi jew l-introduzzjoni ta' kampjuni kummerċjali, jistgħu jiġu stabbiliti skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2002/99/KE.

Dokumenti.

9. (1) Ċertifikat veterinarju li jħares il-ħtiġiet stabbiliti fi Skeda IV għandu jiġi preżentat mal-konsenji ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali hekk kif dawn jidħlu fil-Komunità.

(2) Iċ-ċertifikat veterinarju għandu jiċċertifika li l-prodotti jissodisfaw:

(a) il-ħtiġiet stipulati għal dawn il-prodotti taħt din ir-regola u taħt il-leġislazzjoni tal-Komunità li tistipula ħtiġiet dwar saħħa ta' l-annimali jew disposizzjonijiet li huma ekwivalent għal dawk il-ħtiġiet; u

(b) kull kundizzjoni speċjali dwar importazzjoni stabbilita skond il-proċedura li għaliha ssir referenza fl-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2002/99/KE.

(3) Dokumenti jistgħu jinkludu dettalji meħtieġa taħt disposizzjonijiet oħra ta' leġislazzjoni tal-Komunità dwar is-saħħa pubblika u ta' l-annimali.

(4) Skond il-proċedura li għaliha ssir referenza fl-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2002/99/KE:

(a) jista' jsir provvediment għall-użu ta' dokumenti elektroniċi,

(b) jistgħu jsiru mudelli ta' dokumenti,

(ċ) jistgħu jiġu stabbiliti regoli u ċertifikazzjoni għall-passaġġ.

Spezzjonijiet tal-Komunità.

10. (1) Spezzjonijiet u, jew verifiki tal-Komunità fl-istadji kollha koperti minn din ir-regola jistgħu jiġu mwettqa f'pajjiżi terzi minn esperti mill-Kummissjoni sabiex tiġi verifikata konformità jew ekwivalenza ma' regoli tal-Komunità dwar is-saħħa ta' l-annimali. L-esperti mill-Kummissjoni jistgħu jiġu akkumpanjati minn esperti minn Malta awtorizzati mill-Kummissjoni sabiex iwettqu dawk l-ispezzjonijiet u, jew verifiki.

(2) L-ispezzjonijiet u, jew il-verifiki f'pajjiżi terzi msemmija f'subregola (1) ta' din ir-regola għandhom isiru f'isem il-Komunità, u l-Kummissjoni għandha tħallas l-ispejjeż involuti.

(3) Il-proċedura biex issir l-ispezzjonijiet u, jew il-verifiki f'pajjiżi terzi msemmija f'sub-regola (1) tista' tiġi stabbilita jew mibdula skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2002/99/KE.

(4) Jekk riskju serju għas-saħħa ta' l-annimali jiġi identifikat waqt spezzjoni jew verifika tal-Komunità, il-Kummissjoni għandha minnufih tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tipproteġi s-saħħa ta' l-annimali, skond l-Artikolu 22 tad- Direttiva 97/78/KE, u tinforma lill-Istati Membri b'dan.

Aġġornar ta' skedi tekniċi.

11. (1) L-Iskedi li jinsabu ma' dawn ir-regoli jistgħu jiġu emendati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2002/99/KE sabiex tittieħed konsiderazzjoni partikolari ta':

(a) l-opinjonijiet xjentifiċi u l-għarfien xjentifiku, partikolarment dwar valutazzjonijiet ta' riskji ġodda;

(b) żviluppi teknoloġiċi; u

(ċ) it-twaqqif ta' miri ta' sigurtà dwar is-saħħa ta' l-annimali.

SKEDA I

Mard ta' rilevanza ghall-kummerc fi prodotti li joriginaw mill-annimali u fir-rigward ta' liema mard gew introdotti mizuri ta' kontroll taht legislazzjoni tal-Komunita` Ewropea

MARDA	**DIRETTIVA**
Deni tal-majjal klassiku	Direttiva tal-Kunsill 2001/89/KE dwar mizuri tal-Komunita` ghall-kontroll ta' deni tal-majjal klassiku
Deni tal-majjal Afrikan	Direttiva tal-Kunsill 2002/60/KE li tistipula dispozizzjonijiet specifici ghall-kontroll ta' deni tal-majjal Afrikan
Marda ta' l-ilsien u d-dwiefer	Direttiva tal-Kunsill 85/511/KE li tintroduci mizuri tal-Komunita` ghall-kontroll tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer
Influwenza tat-tjur	Direttiva tal-Kunsill 92/40/KE li tintroduci mizuri tal-Komunita` ghall-kontroll ta' l-influwenza tat-tjur
Marda ta' *Newcastle*	Direttiva tal-Kunsill 92/66/KE li tintroduci mizuri tal-Komunita` ghall-kontroll tal-marda ta' *Newcastle*
Rinderpest (pesta ta' l-ifrat) Pesta tan-naghag u l-moghoz Marda vesikulari tal-majjal	Direttiva tal-Kunsill 92/119/KE li tintroduci mizuri generali tal-Komunita` ghall-kontroll ta' certu mard ta' l-annimali u mizuri specifici relatati ma' mard vesikulari tal-majjal
Mard ta' l-akwakultura	Direttiva tal-Kunsill 91/67/KE rigwardanti l-kundizzjonijiet ta' sahha ta' l-annimali li jirregolaw it-tqeghid fuq is-suq ta' annimali u prodotti ta' l-akwakultura Direttiva tal-Kunsill 93/53/KE li tintroduci minimu ta' mizuri tal-Komunita` ghall-kontroll ta' certu mard tal-hut Direttiva tal-Kunsill 95/70/KE li tintroduci minimu ta' mizuri tal-Komunita` ghall-kontroll ta' certu mard li jeffettwa molluski bivalvi

SKEDA II

Marka specjali ta' identifikazzjoni ghall-laham minn territorju jew parti minn territorju

(1) Il-marka tas-sahha ghall-laham frisk ghandu jkollha salib djagonali konsistenti f'zewg linji dritti li jiltaqghu fin-nofs tat-timbru u ghandha tippermetti illi l-informazzjoni fuq l-istess tibqa' tinqara.

(2) Il-marka li tissemma f'subregola 1 tista' wkoll tigi applikata billi jintuza timbru ovali, tal-wisa' ta' 6,5 centimetru u 4,5 centimetru gholi; l-informazzjoni li gejja ghandha tidher fuq il-marka b'karattri li jinqraw perfettament:

(a) fin-naha ta' fuq, l-isem jew l-kodici ISO ta' Malta b'ittri kbar;

(b) fin-nofs, in-numru ta' approvazzjoni veterinarja tal-biccerija,

(c) fin-naha ta' isfel, wahda mill-gabra ta' inizjali li gejjin KEE,

(d) zewg linji dritti li jissallbu fin-nofs tat-timbru b'tali mod li l-informazzjoni ma tkunx mghottija.

(3) L-ittri ghandhom ikun mill-inqas 0,8 centrimetri gholjin u n-numri mill-inqas centimetru gholjin.

(4) It-timbru ghandu wkoll ikollu informazzjoni li biha jkun jista' jigi identifikat il-veterinarju li spezzjona l-laham.

(5) Il-marka ghandha tigi applikata taht is-supervizjoni diretta tal-veterinarju ufficjali li jikkontrolla l-implimentazzjoni tal-htigiet tas-sahha ta' l-annimali.

SKEDA III

1. Trattamenti sabiex jigu eliminati certi riskji ghas-sahha ta' l-annimali marbuta ma' laham u halib

Trattament ghall-LAHAM (*)	Marda ta' l-ilsien u d-dwiefer	Deni tal-majjal klassiku	Marda vesikulari tal-majjal	Deni tal-majjal Afrikan	*Rinderpest* (pesta ta' l-ifrat)	Marda ta' *Newcastle*	Influwenza tat-Tjur	Pesta tan-naghag u l-moghoz
(a) Trattament ta' shana f'recipjent maghluq u minghajr arja b'valur F0 ta' 3.00 jew aktar (**)	+	+	+	+	+	+	+	+
(b) Trattament ta' shana f'temperatura minima ta' 70 °C li ghandha tintlahaq fil-partijiet kollha tal-laham	+	+	+	0	+	+	+	+
(c) Trattament ta' shana f'temperatura minima ta' 80 °C li ghandha tintlahaq fil-partijiet kollha tal-laham	+	+	+	+	+	+	+	+
(d) Trattament ta' shana	+	+	+	+	+	-	-	+

f'recipjent maghluq u minghajr arja sa mill-inqas 60 °C ghal minimu ta' 4 sighat, f'liema hin it-temperatura ghandha tilhaq mill-inqas 70 °C ghal 30 minuta								
(e) Fermentazzjoni naturali u maturazzjoni ta' mhux inqas minn disa' xhur ghal laham minghajr ghadam li jirrizulta fil-karatteristici li gejjin: Valur Aw ta' mhux aktar minn 0.93 jew valur pH ta' mhux aktar minn 6.0	+	+	+	+	+	0	0	0
(f) L-istess trattament bhal dak imsemmi hawn fuq f'(e) ghalkemm il-laham jista' jkollu l-ghadam	+	+	+	0	0	0	0	0

(*)								
(g) Salami: trattament skond kriterji li jigu definiti bil-procedura ta' l-Artikolu 12(2) wara l-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku relevanti	+	+	+	0	+	0	0	0
(h) Perzut u genbejn: trattament li jinvolvi fermentazzjoni naturali u maturazzjoni ghal mill-inqas 190 jum ghall-perzut u 140 jum ghall-genbejn	0	0	0	+	0	0	0	0
(i) Trattament ta' shana li jizgura li temperatura ta' mill-inqas 65 °C tintlahaq ghall-hin necessarju sabiex jintlahaq valur ta' pasturizzazzjoni (pv) ekwivalenti ghal jew aktar	+	0	0	0	0	0	0	+

minn 40								
HALIB u prodotti tal-halib (inkluz krema) ghall-konsum tal-bniedem								
(a) Temperatura gholja hafna (UHT) (UHT = trattament minimu f'132 °C ghal mill-inqas sekonda)	+	0	0	0	0	0	0	0
(b) Jekk il-halib ghandu pH ta' inqas minn 7.0. temperatura sempliciment gholja – pasturizzazzjoni ghal hin qasir (HTST)	+	0	0	0	0	0	0	0
(c) Jekk il-halib ghandu pH ta' 7.0 jew aktar - HTST ghal darbtejn	+	0	0	0	0	0	0	0

+: Effettivita` maghrufa.

0: Effettivita` mhux maghrufa.

(*) Il-mizuri kollha necessarju ghandhom jittiehdu sabiex jigi evitat tniggis.

(**) F0 huwa l-effett ta' qtil ikkalkulat fuq spora tal-batterji. Valur F0 ta' 3,00 ifisser illi l-aktar punt kiesah fil-prodott gie msahhan bizzejjed sabiex jintlahaq l-istess effett ta' qtil bhal 121 °C (250 °F) fi tlett minuti bi shana u kesha istantanja.

SKEDA IV

Principji generali ta' certifikazzjoni

(1) Ir-rapprezentant ta' l-awtorita` kompetenti tal-pajjiz tat-tluq li johrog certifikat sabiex jakkumpanja konsenja ta' prodotti li joriginaw mill-annimali ghandu jiffirma c-certifikat u jizgura li dan ikollu timbru ufficjali. Din il-htiega tapplika ghal kull folja tac-certifikat jekk ic-certifikat ikun jikkonsisti f'izjed minn folja wahda.

(2) Ic-certifikati ghandhom ikunu fil-lingwa jew lingwi ufficjali ta' l-Istat Membru ta' destinazzjoni u ta' l-Istat Membru fejn issir l-ispezzjoni tal-konfini, jew ikunu akkumpanjati bi traduzzjoni certifikata f'dik il-lingwa jew f'dawk il-lingwi. Madankollu, Malta tista' taghti l-kunsens taghha ghall-uzu ta' lingwa ufficjali tal-Komunita` Ewropea, minbarra l-lingwa taghha.

(3) Il-verzjoni originali tac-certifikat ghandha takkumpanja konsenji mad-dhul fil-Komunita` Ewropea.

(4) Ic-certifikati ghandhom jikkonsistu f':

(a) folja wahda ta' karta; jew

(b) zewg pagni jew iktar li jaghmlu parti minn folja wahda li tkun indivisibbli; jew

(c) sekwenza ta' pagni enumerati b'tali mod li jigi ndikat li kull pagna hija wahda partikolari f'sekwenza limitata (ezempju, "pagna 2 minn 4 pagni").

(5) Ic-certifikati ghandu jkollhom numru uniku ta' identifikazzjoni. Meta c-certifikat jikkonsisti f'sekwenza ta' pagni, kull pagna ghandha tindika dan in-numru.

(6) Ic-certifikat ghandu jigi mahrug qabel ma' l-konsenja relatata titlaq minn taht il-kontroll ta' l-awtorita` kompetenti tal-pajjiz tat-tluq.

SKEDA V

(1) Direttiva tal-Kunsill 72/461/KE tat-12 ta' Dicembru, 1972 dwar problemi ta' sahha li jeffetwaw kummerc intra-Komunitarju fil-laham frisk(1), kif l-ahhar emendata bl-Att ta' Adezjoni ta' l-Awstrija, l-Finlandja u l-Isvezja.

(2) Direttiva tal-Kunsill 80/215/KE tat-22 ta' Jannar, 1980 dwar problemi ta' sahha ta' l-annimali li jeffetwaw kummerc intra-Komunitarju fi prodotti tal-laham(2), kif l-ahhar emendata bl-Att ta' Adezjoni ta' l-Awstrija, l-Finlandja u l-Isvezja.

(3) Direttiva tal-Kunsill 91/494/KE tas-26 ta' Gunju, 1991 dwar kundizzjonijiet ta' sahha ta' l-annimali li jirregolaw kummerc intra-Komunitarju fi u importazzjonijiet minn pajjizi terzi ta' laham tat-tjur frisk(3), kif l-ahhar emendata b'Direttiva 93/121/KE.

(4) Direttiva tal-Kunsill 91/495/KE tas-27 ta' Novembru 1990 dwar sahha pubblika u problemi ta' sahha ta' l-annimali li jeffetwaw il-produzzjoni u t-tqeghid fuq is-suq ta' laham tal-fenek u laham tat-tjur imrobbi(4), kif l-ahhar emendata bl-Att ta' Adezjoni ta' l-Awstrija, l-Finlandja u l-Isvezja.

(5) Direttiva tal-Kunsill 92/45/KE tas-16 ta' Gunju 1992 dwar sahha pubblika u problemi ta' sahha ta' l-annimali relatati mal-qtil ta' tjur salvagg u t-tqeghid fuq is-suq ta' laham tat-tjur salvagg(5), kif l-ahhar emendata b'Direttiva 97/79/KE.

(6) Direttiva tal-Kunsill 92/46/KE tas-16 ta' Gunju 1992 li tistipula r-regoli dwar sahha ghall-produzzjoni u t-tqeghid fuq is-suq ta' halib mhux misjur, halib trattat bis-shana, u prodotti a bazi ta' halib(6).

(7). Direttiva tal-Kunsill 94/65/KE ta' l-14 ta' Dicembru, 1994 li tistipula l-htigiet ghall-produzzjoni u tqeghid fis-suq ta' laham ikkapuljat u preparazzjonijiet tal-laham(7).